MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 2633/2002

**Charles Borg f'ismu u ghal kull interess li ghandu f'"Didi Auto Dealer"**

**vs**

**Josette Petroni u zewgha Philip Petroni**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Novembru 2002, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lill-attur proprio et. nomine s-somma ta' elf u ghoxrin lira Maltin (Lm1020) rappresentanti l-import ta' sbatax-il kambjala, kollha ta' Lm60 il-wahda debitament accettati u skaduti minn Dicembru 1999 sa April 2001, rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma'l-avviz bhala Dokument "A1", u numri "1" sa "16", konsekuttivament u inklusivament.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm 6 tal-konsult legali, u bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’l-attur proprio et. nomine sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tas-26 ta’ Settembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur proprio et. nomine s-somma ta’ elf u ghoxrin lira Maltin (Lm1020), bl-imghaxijiet legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------